**26 ta' Settembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Patrick Sammut Ghigo

## Serq - Truffa

*F'każ ta' serq ta'* cheque *vojt, dak l-ammont iddepożitat tal-misruq jiġi pperċepit mill-halliel fil-każ biss li dan eventwalment jagħmel b'suċċess użu illeċitu taċ-*cheque. *Jiġifieri fil-mument tat-tehid taċ-*cheque, *dan ma jkollux realment il-valur ta' l-ammont iddepożitat. Biss xi valur, anke tenwi, jkollu u għalhekk it-tehid taċ-*cheque *vojt, akkompanjat bl-elementi l-ohrajn materjali u intenzjonali tas-seq, jikkostitwixxi r-reat tas-serq.*

*F'din is-sentenza l-Qorti osservat li l-fatt li persuna pprezenta* cheques *li ffalsifika huwa stess u in segwitu dawn iċ-*cheques *ġew imsarrfa, jikkostitwixxi l-messa in xena. Effettivament b'dik il-prezentazzjoni, l-persuna tkun ingannat lill-persuna li tkun sarrfitlu ċ-*cheques *billi ġġiegħlha temmen li hu kellu kreditu li fil-fatt ma kellux.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tat-13 ta' Marzu, 1992 li biha l-Qorti tal-maġistrati (Malta), filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni ta' reati ohra, sabitu hati li fix-xhur ta' qabel is-16 ta' Marzu, 1988 f'Santa Venera b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni wahda (1) ikkommetta serq ta' erba' ċekkijiet vojta għad-dannu ta' Carmel u Julian Falzon; (2) iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokument iehor li meta ġew ipprezentati rċieva bihom hlas minn bank; (3) xjentement għamel użu minn dokumenti ffalsifikati li meta ġew ipprezentati

irċieva bihom flus; (4) b'mezzi kontra l-liġi jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' krediti immaġinarji għamel qligħ ta' Lm1,571 għad-dannu ta' Carmel u Julian Falzon jew tal-Mid-Med Bank Limited; (5) b'qerq żamm għandu, ħeba jew iddistruġġa pakkett postali li kien ġie mibgħut bil-posta b'liema distruzzjoni huwa għamel qligħ jew ħa vantaġġ; (6) dolożament qered korrispondenza b'ittri magħluqa li ma kinux indirizzati lilu; (7) b'qerq fetaħ oġġett postali li kellu jiġi kkunsinnat jew b'qerq għamel att li bih il-kunsinna xierqa ta' oġġett postali ġiet impeduta; u li (8) kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-10 ta' Novembru, 1986;

U kkundannatu tnax-il xahar priġunerija;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti tirriforma dik is-sentena billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tirrevokaha għall-kumplament u hekk tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha u f'każ ta' dikjarazzjoni ta' reat inferjuri tagħti dik il-piena u dawk il-provvedimenti li aktar jagħmlu għall-każ;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell tikkunsidra illi:

Il-fatti mhumiex ikkontestati u fil-qosor huma dawn. L-appellant f'okkażjonijiet diversi ħa erba' *cheques* bil-mamma b'kollox minn *cheque book* ta' l-aħwa Charles u Julian Falzon. Sussegwentement, f'okkażjonijiet diversi, huwa mela dawn iċ-*cheques* favur tiegħu nnifsu, iffalsifika firma fuqhom u sarrafhom fl-ammont komplessiv ta' elf, ħames mija u wieħed u sebgħin lira. Barra minn hekk l-appellant ħa l-*istatements* tal-bank li kienu jaslu bil-posta lill-aħwa Falzon, kif ukoll ħa xi korrispondenza oħra indirizzata lilhom, fosthom kambjala

ffirmata minn debitur taghhom. L-appellant iddistruġġa dawn l-*istatements* u korispondenza billi ħaraqhom;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant *jikkonsisti filli, kif* isostni hu "serq ta' *cheque* vojt, skond l-aħħar ġurisprudenza, mhux serq". F'dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali fit-trattazzjoni orali ssottometta li bis-serq ta' *cheque* vojt il-ħalliel jottjeni l-kontroll tal-kont bankarju tad-derubat u għalhekk tali serq jammonta għas-serq ta' l-ammont iddepożitat. Jidher ovvju li f'każ ta' serq ta' *cheque* vojt, dak l-ammont iddepożitat tal-misruq jiġi pperċepit mill-ħalliel fil-każ biss li dan eventwalment jagħmel b'suċċess użu illeċitu taċ-*cheque*. *Jiġifieri fil-mument tat-teħid taċ-cheque, dan ma jkollux* realment il-valur ta' l-ammont iddepożitat. Biss xi valur, anke tenwi, jkollu u għalhekk *it-teħid taċ-cheque vojt, akkompanjat* bl-elementi l-oħrajn materjali u intenzjonali tas-serq, *jikkostitwixxi r-reat tas-serq;*

Aggravju ieħor ta' *l-appellant hu li fil-każ preżenti ma* kienx hemm il-messa in xena, rekwiżit essenzjali tar-reat tat-*truffa li tiegħu* sabitu ħati l-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward pero', jirriżulta li l-appellant iffalsifika ċ-*cheques* li kien seraq u sarrafhom fi flus. Il-fatt li hu ppreżenta ċ-*cheques* lill-persuna li in segwitu sarfithomlu jikkostitwixxi l-messa in xena. Effettivament b'dik il-preżentazzjoni l-appellant inganna lil dik il-persuna billi ġegħlha temmen li hu kellu kreditu li fil-fatt ma kellux;

Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li ma hemmx il-prova *ċerta ta' l-identifikazzjoni dwar is-sentenza ta' l-10 ta'* Novembru, 1986 li tagħha, skond l-Ewwel Qorti, kienu l-kondizzjonijiet li kiser l-appellant. Kopja *ta' din is-sentenza* tinsab esebita f'paġna 54 ta' dan il-proċess. L-okkju f'din is-sentenza huwa: **Il-Pulizija *vs* Patrick Sammut**. P.C. 471

Lucino Caruana xehed b'riferenza għal dik is-sentenza, u qal li hu kien xhud *fil-kawża relattiva u kkonferma li l-appellant huwa* l-istess imputat li kien soġġett għas-sentenza msemmija. Din ix-xiehda ma ġietx kontradetta u ma hemm ebda raġuni li għaliha għandu jkun hemm dubbju fiha. Għalhekk li l-appellant kien l-imputat misjub ħati bis-sentenza in kwistjoni jirriżulta suffiċjentement skond il-liġi;

L-appellant fl-aħħarnett jilmenta mill-piena inflitta mill-Ewwel Qorti u jissottometti li hija gravuża. F'dan ir-rigward, kif *ġie osservat fis-sentenza appellata, l-appellant kien* preċedentement ġa` ġie misjub ħati ta' reati simili għall-odjerni, u kien ġie lliberat kondizzjonalment f'żewġ okkażjonijiet. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-piena msemmija għandha tiġi varjata;

Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.